*Diskors tas-Sur Joseph F. Grima B.A. (Hons.), M.A., Dip. Educ. (Admin. & Mangt.) f'SERATA KOMMEMORATTIVA li saret nhar il-Ġimgħa, 1-1 ta' Lulju 1994, fl-okkażjoni tal-50 sena mill-inawgurazzjoni ta' l-istatwa titulari proċessjonali ta' San Sebastjan f' Ħal Qormi.*

# IL-VARA TITULARI TA' SAN SEBASTJAN F'ĦAL QORMI

## XI FATTI, ĦSIBIJIET U KONSIDERAZZJONIJIET


THIS WAS CARVED -

- FROM THIS

Il-paġna mit-Times of Malta tas-17 ta' Diċembru 1938 li turi ritratti taz-zokk u l-vara skolpita.

Fil-ġurnal *Times of Malta* ta' nhar is-Sibt, 17 ta' Diċembru 1938, jiġifieri aktar minn ħamsa u ħamsin sena ilu, dehru żewġ ritratti interessanti fl-aħħar faċċata: ritratt ta' zokk kbir ħafna ta' siġra mqiegħed f'kamra u riproduzzjoni ta' statwa ta' l-injam. U l-gazzetta kompliet b'dal-kliem fuq iż-żewġ ritratti: "*This was carved....from this*", jiġifieri "*Din (l-istatwa) ġiet skolpita minn dan (iz-zokk)*". Fil-fatt, meta wieħed jara ż-żewġ ritratti ħdejn xulxin, ikun aktar kapaċi jagħraf il-ġenju tal-moħħ flimkien mal-ħila ta' idejn dak l-iskultur li minn zokk kapaċi joħloq biċċa xogħol artistika, biċċa skultura maħduma bir-reqqa u bis-sengħa, biċċa xogħol li lill-iskultur taċċertah li ismu mhux ser jintesa mal-milja taż-żmien iżda ser jibqa' mfakkar kull meta xi ħadd iħares lejn l-opra tiegħu.

Ovvjament, qiegħed nirreferi għall-istatwa titulari proċessjonali ta' San Sebastjan li, meta wieħed iħares lejha, ma jistax ma jinnutax il-kapaċità artistika ta' min skolpiha: Ġorġ Borg li għadna kemm smajna diskors sabiħ dwaru [1]. Wieħed irid japprezza l-opra ta' Ġorġ Borg, kif ukoll kwalunkwe biċċa arti oħra, bil-ħsieb li mhux kulħadd għandu t-talent artistiku fih u, inkomplu nżidu, mhux

kulħadd jesprimi t-talent tiegħu bl-istess mod u bl-istess linja.

Mhuwiex il-ħsieb tiegħi illejla li noqgħod nagħti dettalji ta' l-istorja tal-vara. Dawn diġa' ktibithom u ġew pubblikati b'mod annotat u illustrat fil-fuljett parrokkjali li tqassam f'kull dar tal-parroċċa [2]. Għalhekk mhux il-każ li nagħmel elenku sħiħ tal-fatti magħrufa iżda nixtieq naqsam magħkom xi ħsibijiet, konsiderazzjonijiet u xi fatti żgħar oħrajn, li mhumiex daqshekk magħrufin, ilkoll konnessi ma' l-iskultura ta' l-istatwa.

Bejn nofs l-1936 u tmiem l-1938 Ġorġ Borġ rebaħ il-kummisjoni biex jiskolpi l-vara, akkwista z-zokk meħtieġ sa l-ewwel xahar tal-1937, skolpa l-istatwa u din inġiebet fil-parroċċa. U hawn jgħaddili l-ewwel ħsieb. Għaliex għaddew kważi sentejn biex ġiet skolpita l-vara? Ġorġ Borg kien magħruf għall-preċizjoni u li kien fitt ħafna fix-xogħol u dan ċertament ikkontribwixxa għad-dewmien. Iżda kien hemm fattur ieħor li qaluli, fost ħwejjeġ oħrajn, Salvu Casha, *ta' Brun,* emigrant fl-Amerika, li kien imur spiss fil-*workshop* ta' l-iskultur. Kien hemm il-bżonn taż-żmien biex iz-zokk jinxef speċjalment wara li tneħħietlu l-qoxra [3]. Ovvjament, dan kien ifisser telf ta' żmien.



L-iskultur Ġorġ Borg maz-zokk fuq it-trakk li ġarrulu mit-Tarzna. Kien hemm bżonn taż-żmien biex iz-zokk jinxef sew u kella tissewwa wkoll xpakkatura fih.

Diffikultà oħra kienet li z-zokk kellu bħal xpakkatura fih. Din solviha Manwel Montesin, mastrudaxxa prim li kien joqgħod Ħal Qormi u li fil-parroċċa għad hawn xogħol sabiħ tiegħu b'mod partikolari s-salib tal-vara tad-Duluri bl-intarzjar li fih. Montesin kien jaħdem ma' l-*Air Force* u, permezz ta' kolla speċjali li kienet tintuża għall-iskrejjen ta' l-ajruplani, li kienu ta' l-injam, il-mastrudaxxa mela l-vojt ta' l-ixpakkatura wara li naddafha. B'hekk sewwa d-difett fiz-zokk biex l-iskultur seta' jkompli jiskolpi dik il-parti fejn hemm riġlejn l-istatwa [4].

U la qegħdin nitkellmu dwar l-iskultura tal-vara, nfakkru li diversi rġiel

Qormin ippozaw għall-iskultur fuq talba tiegħu stess. L-aktar wieħed li għen f'dan ir-rigward kien Emanuel Farrugia, *tal-Ħut*, li għamel żmien imur fl-istudju ta' Borg darbtejn fil-ġimgħa. Hemm l-iskultur kien jagħtih il-posizzjoni li eventwalment ħadet il-vara biex bena statwa tat-tafal biex minn fuqha jiskolpi l-iskultura finali. Is-Sur Farrugia inniffsu qalli li l-muskolatura ta' l-idejn u tar-riġlejn ħadhom minn fuqu flimkien mat-tiswir tal-għonq. Meta l-iskultur ġie biex jimmodella d-dahar u l-mantell kien jintuża liżar mixħut fuq l-ispallejn bil-panniġġi mixtieqa.



L-istudju ta' Gorg Borg fejn saret il-vara: numru 51, Triq Kristofru, l-Belt, li llum hu uffiċċju legali.

F'dan ix-xogħol ta' modellar kien hemm involuti żewġt irġiel Qormin oħra għalkemm b'mod aktar minuri. Fuq Toni Zahra, *is-Sigarru*, immodella parti mill-imnieħer fil-waqt li l-moħħ u parti mix-xedaq saru fuq Manwel Busuttil li kien boxer u kien magħruf bħala ta' *Mezzamortu* [5]. Inżid ukoll li, fil-fażi ta' l-iskultura, Toni Zahra ippoża xi ftit ukoll għar-riġlejn u l-idejn b'mod partikolari għall-posizzjoni ta' l-id bil-palma [6]. It-tliet irġiel li semmejna kienu mibnijin sew u mhux ta' b'xejn li Ġorġ Borg tefa' għajnejh fuqhom għall-modellatura. Sfortunatament, tnejn minnhom m'għadhomx magħna iżda s-Sur Farrugia għadu b'saħħtu u luċidu għalkemm qed joqrob it-tmenin sena.

Manwel Montesin ħadem ukoll għal Borg biċċa għodda żgħira tal-ħadid biex biha seta' jaħdem b'mod aktar faċli l-irqaqat tal-mantell ta' l-istatwa. Qormi ieħor, Indrì Cini, kien jieħu ħsieb isinn l-għodda li kien juża Borg. Fatt ieħor ta' interess hu li, meta l-iskultura ta' l-istatwa kienet fi stat avanzat, kien żar privatament l-istudju ta' Borg il-Gvernatur ta' dak iż-żmien, il-Ġeneral Sir Charles Bonham-Carter, dwar bust ta' neputih, u wera interess kbir fil-vara [7].

Lejlet il-miġja ta' l-istatwa f'Ħal Qormi, eżattament nhar is-Sibt 17 ta' Diċembru 1938, Ġorġ Borg fettillu baqa' jirfina fil-vara u, meta kien qed jaħdem f'xi l-10.30p.m. fuq il-wiċċ, żelaqlu l-furmatur u weġġa' idu. Kellhom dak il-ħin ifittxu tabib biex idewwih u sabu lit-Tabib Hyzler li għamillu xi punti [8].

Meta z-zokk kienu ħaduh fl-istudju ta' Borg fuq it-trakk ta' Qormi



Manwel Farruġia li ppoża għall-iskultur Ġorġ Borg. Hawn jidher liebes kostum Ruman ta' Pilatu, libsa li żanżan fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-1933.

magħruf bħala l-*lajzer,* kienu daħħluh mit-tieqa minħabba l-kobor tiegħu [9]; l-istess kellhom jagħmlu bil-vara skolpita: joħorġuha mill-istess tieqa, biċċa xogħol li ħa ħsiebha ċertu *Salvu ta' Lonz* li mexxa l-operazzjoni kollha bejn il-ħdax ta' fil-għodu u nofs inhar tal-Ħadd, 18 ta' Diċembru 1938. L-istatwa mbagħad nġiebet Ħal Qormi lejn in-naħa ta' l-Armier. Sar pedestall provizorju minn Manwel Montesin iżda min kien inkarigat jarma kollox flimkien ma bradella, Indrì Cini, dam ma mar u kien għoddu beda jidlam qabel ma ħadu l-vara mat-triqat lejn il-knisja ż-żgħira. Għal żmien il-gwerra, li faqqgħet sena u nofs wara, il-vara tqiegħdet fit-tiben u nbena madwarha ħajt kontra l-*blast* minħabba l-biża' tal-bombi [10].

Għada, it-2 ta' Lulju, hu l-ħamsin anniversarju tat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-vara li issa ma kinitx baqgħet injam biss iżda inżebgħet mill-pittur Toussaint Busuttil u ġiet indurata mid-ditta Mallia & Xuereb tal-Belt. Ix-xogħol ta' Busuttil ġie deskritt bħala opra li "*jagħtina l-mistiċiżmu kollu ta' l-idea kattolika tar-raġel u tal-qaddis.*" Twassal Ħal Qormi fuq trakk fejn il-parruċċani laqgħuh fin-naħa t-isfel ta' Triq San Sebastjan u twassal sal-knisja parrokkjali ta' dak iż-żmien, il-knisja ż-żgħira. Bħala pedestall intuża wieħed li nxtara minn Ħaż-Żabbar. Il-vara iżżanżnet fil-purċissjoni l-ewwel darba fid-9 ta' Lulju 1944.

Tnejn u erbgħin sena wara, il-vara inżebgħet u ġiet indurata mill-ġdid, din id-darba mill-għawdxi Michael Camilleri Cauchi u Horace Farrugia ta' l-Imdina rispettivament taħt id-direzzjoni artistika ta' l-iskultur John Bonnici li ħoloq disinji fix-xabla u fil-mant, kemm fuq wara kif ukoll fl-inforra, ibbazati fuq *motifs* ta' ispirazzjoni Rumana. Fil-fatt, tispikka ħafna d-differenza fiż-żebgħa u l-induratura tal-1944 ma' dik tal-1986.

U dan iwassalna għal dak li għidt fil-bidu ta' dan id-diskors tiegħi, cioè, li mhux kull artist jesprimi t-talent tiegħu bl-istess mod u bl-istess linji. Hawnhekk inżid li l-espressjoni artistika ta' artist tirrifletti ż-żmien li jkun


Salvu Casha, ta' *Brun*, li kien imur ta' spiss fl-istudju ta' l-iskultur Ġorġ Borg.

jgħix fih, tirrifletti t-taħriġ tiegħu u hi wkoll riflessjoni tal-post fejn ikun tħarreġ, naturalment minbarra l-abbiltà u t-talent naturali li jkollu. It-taħriġ hu għalhekk, element importanti għall-mod li bih l-artist jesprimi dak li jkollu f'qalbu u f'moħħu. Dan jgħodd ukoll għal Ġorġ Borg u l-iskultura li għamel għal din il-parroċċa.

Ħafna statwi proċessjonali Maltin huma ta' ispirazzjoni barokka u dan wieħed jifhmu jekk il-vara partikolari saret mijiet ta' snin ilu meta din l-idjoma artistika kienet fl-aqwa tagħha. Iżda Ġorġ Borg ma kienx qed jgħix fis-seklu tmintax jew ftit wara. Hu għex f'dan is-seklu u t-taħriġ tiegħu ħadu fl-Italja ta' bejn iż-żewġ gwerer dinjin. Għalhekk hi ħaġa minn awl id-dinja li dan kollu jkun rifless f'dan ix-xogħol tiegħu: kalm, sod, deċiż, serju, monumentali, dinamiku u innovattiv. Borg kien għad kellu biss 32 sena meta skolpa l-vara, artist żgħażugħ li ried juri, bir-raġun kollu, l-kapaċità tiegħu kemm fil-ħsieb kif ukoll fl-eżekuzzjoni. Għalhekk, hu ispira ruħu mill-arti Imperjala Rumana biex ħoloq, kif kiteb il-kritiku ta' l-arti Antonio Espinosa Rodriguez [11], "*figura marzjali, sobrija u dinjituża.*" U jkompli l-istess kritiku, "*Kienet tkun ħaġa faċli li (Borg) jiskolpi xi statwa psewdo-barokka b'ħafna panniġġi u ġesti melodrammatiċi li tant jintgħoġbu minn x'uħud. Ġorġ Borg ħalla lil Ħal Qormi u lil Malta eżempju skjett, iżda sublimi, ta' l-Arti Sagra.*"

L-oriġinalità tidher ukoll fil-fatt li l-qaddis ma ppreżentahx kif inhu magħruf popolarment, marbut ma siġra u minfud bil-vleġeġ, iżda skolpih bħala figura militari fuq linji klassiċi. Għalkemm Borg kien tal-fehma li l-vara tibqa' injam biss, iż-żebgħa u l-induratura li sarulha fl-1944 kienu wkoll rifless tal-ħsieb artistiku ta' dak iż-żmien u għalhekk jidher aktar magħluq u sobriju minn ta' llum li qed jirrifletti żmien ieħor u artisti b'ispirazzjonijiet differenti.

Lil din l-opra ta' Borg għandna nagħtuha r-rispett li jixirqilha bħala offerta artistika li tirrifletti l-ħsieb ta' l-awtur tagħha. U hawn naħseb li għandna eżempju mill-isbaħ ta' dan ir-rispett, uman u artistiku fl-istess waqt, li joħroġ b'qawwa kbira fil-pedestall majestuż li qed jiżżanżan din is-sena. Id-disinjatur u skultur Frans Galea kien alliev ta' Borg, kien jirrispettah bħala artist u bħala għalliem, kien dejjem jagħtih il-ġieħ li jistħoqqlu. Galea

ħoloq pedestall li, għalkemm ispirat minn abbozz li kien ħejja Borg, hu oriġinali fl-interpretazzjoni tiegħu iżda ikkaratterizzat minn plastiċità monumentali li tirrifletti ż-żmien meta l-iskultur tal-vara kien qed jistudja Ruma. Mhux il-ħsieb tiegħi li nispjega l-pedestall għax dan diġa' sar fil-preżentazzjoni tiegħu nhar it-Tnejn [12] u fi studju qasir fil-fuljett parrokkjali[13]. Iżda ma nistax ma nikkummentax jien ukoll li Galea taġieħ lil Borg, lil xogħlu u lill-memorja tiegħu fil-waqt li żamm intatta l-oriġinalità tiegħu personali. Għaldaqstant, ikollna bil-fors nemfasizzaw ir-rabta kbira u intima li hemm bejn ix-xogħol ta' dawn iż-żewġ artisti Maltin kif tidher f'din il-vara titulari proċessjonali li issa hi kompluta bi statwa u pedestall kumplimentari. Fuq nota personali, nixtieq insellem bl-akbar rispett lil dawn iż-żewġ artisti: lil Ġorġ bħala għalliem tiegħi u lil Frans bħala kollega.



L-iskultur Frans Galea jidher jaħdem fuq waħda mill-panewijiet tal-pedestall.

Riflessjoni żgħira ta' l-għeluq: Ġorġ Borġ ħadem vara proċessjonali waħda biss; Frans Galea kien responsabbli għal pedestall wieħed biss. U ż-żewġ opri huma żewġ ħoloq artistiċi importanti li flimkien jiffurmaw statwa titulari proċessjonali li ma jistax ikun hawn waħda oħra bħalha fil-gżejjer Maltin għax waħda biss hi l-parroċċa ddedikata lil dan il-qaddis: San Sebastjan Martri.

## *REFERENZI*


1. L.Borg, "Iż-Żewġ Artisti tal-Vara Titulari", **Sliem u Ħajja**, Festa 1994, pp. 45-9.
2. J.F. Grima, "Il-Vara ta' San Sebastjan f'Ħal Qormi - Storja ta' Aktar minn Ħamsin Sena", **Sliem U Ħajja**, Festa 1994, pp. 15-37.
3. Komunikazzjoni personali minn Salvu Casha, 21.6.1994.
4. **Ibid.**
5. Komunikazzjonijiet personali minn Emanuel Farrugia fid-29.6.1994 u Dun Gejt Cassar fit-30.6.1994.
7. **Ibid.**
8. **Ibid.**
9. Komunikazzjoni personali minn Emanuel Farrugia, 29.6.1994.
10. Komunikazzjoni personali minn Salvu Casha, 21.6.1994.
11. A. Espinosa Rodriguez, "Il-Vara Titulari ta' San Sebastjan f'Ħal Qormi", **Parroċċa San Sebastjan, Ħal Qormi - Ħamsin Sena Parroċċa**, editur Rev. K. Mercieca, Malta 1986, **passim**.
12. Profil ta' Frans Galea u deskrizzjoni/spjega tal-pedestall ingħataw lill-pubbliku mill-pittur u għalliem Lino Borg nhar it-Tnejn, 27 ta' Ġunju 1994. Ara wkoll L. Borg, **o.c.**, pp.51-3.
13. K.Sciberras, "Il-Pedestall tal-Vara Titulari ta' San Sebastjan f'Ħal Qormi - L-Aħħar Xogħol ta' l-Iskultur Frans Galea", **Sliem u Ħajja**, Festa 1994, pp. 39-43.


***Joseph F. Grima ~ 30.6.1994***